MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 29/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Jean Carl Farrugia**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Bellaviti & Improved Design Ltd, u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, (Att Nru. XXIII ta' l-1998), u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud id-denunzja li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fid-29 ta' Frar, 2004 sat-30 ta' Novembru, 2005 u dan bi ksur tal-artikoli 27, 76(c) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Jannar, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 27, 76(c) u 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu in kwantu tirreferi ghad-denunzji ta’ taxxa relattivi ghall-perjodi mid-29 ta’ Frar, 2004 sal-31 ta’ Jannar, 2005 u kkundannatu multa ta’ tlett mitt Euro (€300).
B’applikazzjoni ta’ l-artikolu 76 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998, il-Qorti ordnat lill-appellant sabiex fi zmien tlett xhur jikkonforma ruhu mal-ligi w fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax-il Euro (€15) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Frar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :-  1. Li mill-provi johrog car li l-appellant ma kienx ghadu ufficjal tas-socjeta' in kwistjoni  sa mis-27 ta' Jannar, 2005 u ghalhekk ma setax jinstab hati ghall-periodu kollu sussegwenti ghar-rizenja tieghu.   2. Illi l-appellant fl-ebda hin ma kien impjegat tal-kumpanija w ma setax jagixxi ghan-nom tal-istess kumpanija u ghaldaqstant ma setax jikser id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 82 (2) tal-Kap.406  ikkwotat fl-imputazzjoni. Ghalhekk dan l-artikolu hu inapplikabbli f' dal-kaz.  3. Illi hu mhux il-persuna registrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghal dak li jikkoncerna l-Kumpanija. 4. Illi l-obbligi ta' segretarju tal-Kumpanija huma elenkati fil-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta w johrog car mill-istess illi l-gestjoni, l-amministrazjoni, t-tmexxija w il-finanzi ta' kwalsiasi kumpanija hija vestita fid-Diretturi taghha w mhux fis-segretarju li m' ghandu ebda jedd illi jippartecipa

b' xi mod fit-tmexxija w l-gestjoni tal-kumpanija. 5. Illi mill-provi johrog car li l-appellant qatt ma kellu f' idejh l-informazzjoni necessarja sabiex ikun f' posizzjoni li jara li d-denunzji relattivi jigu debitament mimlija w ffirmati minnu ghaliex hu qatt ma kellu w qatt ma seta' jkollu access ghal tali informazzjoni. 6. Illi minghajr pregudizzju, segretarju tal-kumpanija, kif kien fiz-zmien l-appellant, ma jistax jinsab responsabbli, wisq aktar fi-kamp kriminali, ghan-nuqqas kif prospettat fl-imputazzjoni peress illi huwa ma kellu ebda poteri decizjonali, amministrattivi w ezekuttivi fil-kumpanija w dan ukoll taht il-principju li hadd ma jista' jinstab hati ghal xi haga li kien fl-impossibilita' li jaghmel.

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-pozizzjoni legali ta' ufficjali w diretturi ta' kumpaniji fir-rigward ta' reati li jaqghu taht l-Att tal-1998 tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, giet delineata fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Carlo Stivala"** [20.9.2007], **:"Il-Pulizija vs. Michael Stivala**" [22.4.2008] u sentenzi ohra.

Hekk fl-ewwel sentenza kien gie deciz li jekk direttur ikun irrizenja minn Direttur tal-kumpanija qabel id-data li fih ikun sehh ir-reat taht dik il-ligi, hu ma jkunx responsabbli kriminalment ghal xi ksur tal-ligi anki jekk ikun irrizulta li hu kien iffirma l-*application form* ghar-registrazzjoni, tal-kumpanija mad-Dipartiment tal-VAT ,bhala direttur. Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant kien ikun gustifikat u kien iwassal biex xi responsabbilta' penali li talvolta jista' ghandu l-appellant tkun cirkoskritta b' mod li ma tmurx oltre d-data tar-rizenja tieghu fis-27 ta' Jannar, 2005. Illi pero' l-Ewwel Qorti fil-fatt hekk ghamlet ghax illimitat il-periodu tal-htija tieghu proprju sal-31 ta' Jannar, 2005 u cioe' sal-ahhar tax-xahar li fih hu kien ghadu jservi ta' segretarju tal-kumpanija. Ghalhekk dan l-aggravju gie intavolat inutilment, ghax l-Ewwel Qorti diga' pprovdiet komformement.

Ghar-rigward tal-aggravji l-ohra kollha, kif gie ritenut fit-tieni sentenza hawn fuq appena citata, jinghid li skond l-artikolu 66 tal-Att XXIII tal-1998, *"kull* ***segretarju****,* manager, *direttur , stralcjarju, jew ufficjal principali iehor ta' enti jew korp ta' persuni , ecc. , ghandu jkun rapprezentant ghall-ghanijiet ta' dan l-Att ta' dak il-korp ta' persuni …"*

L-artikolu 82 (1) tal-Kap. 406 jiddisponi li meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn korp ta' persuni, d-dispozizzjonijiet ta' din it-Taqsima ghandhom japplikaw bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir minn kull direttur, manager, jew ufficjal principali iehor ta' korp ta' persuni, izda dawn ma jkunux hatja ta' reat bis-sahha ta' dan is-subartikolu jekk huma jgibu prova li huma ma kienux jafu w ma setghux b' diligenza ragonevoli isiru jafu b' dak l-ghemil jew nuqqas u li huma jkunu ghamlu kull ma setghu jaghmlu sabiex izommu milli jsir dak l-ghemil jew nuqqas.

Barra minn hekk l-artikolu 13 tal-Interpretation Act (Kap.249) jiddisponi li *"Meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f' xi Att, ….isir minn korp jew ghaqda ta' persuni , sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin ta' l-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager,* ***segretarju*** *jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew tidher li kienet qed tagixxi f' dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat."*

Illi l-appellant gie imharrek ***"ghan-nom u in rapprezentanza"*** tas-socjeta' Bellaviti & Improved Design Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Ghalhekk, anki jekk ma kienx il-persuna registrata mad-Dipartiment f' dan il-kaz, ladarba kien impjegat bhala segretarju, l-appellant kien ghadu jitqies li qed jagixxi in rapprezentanza tal-istess socjeta' w ergo passibbli ghall-obbligi w l-pieni li timponi l-ligi fl-Att XXIII tal-1998. Ghalhekk it-tielet aggravju qed jigi respint.

Illi apparti xi tghid il-ligi tal-Kumpaniji (Kap. 386) il-ligi specjali li tirregola dar-reat w d-dispozizzjonijiet tal-Interpretation Act, li ghandhom applikazzjoni generali, jipprevalu fuq il-ligi tal-kumpaniji w ghalhekk ir-raba' aggravju mhux sostenibbli.

B' dana kollu l-appellant ghandu ragun meta fit-tieni aggravju tieghu jghid li is-subartikolu (2) tal-artikolu 82 ma hux applikabbli ghall-kaz ghax hu jirrispondi hawn mhux ghal xi eghmil ta' xi impjegat tieghu izda bhala segretarju tas-socjeta' li, ghall-fini tal-ligi, ghandu jitqies li hu ***"ufficjal principali iehor ta' korp ta' persuni***", apparti d-diretturi w l-*managers* imsemmija specifikatament fil-ligi.

Illi ma saret ebda prova sodisfacenti - li trid tigi mill-appellant - li hu ma kienx jaf bl-eghmil delittwuz **u** li hu ezercita d-diligenza kollha mehtiega biex jevita l-eghmil tar-reat fiz-zmien li kien ghadu segretarju. Li jghid l-appellant fir-rikors tal-appell hu li hu qatt ma kellu l-informazzjoni necessarja sabiex ikun f' pozizzjoni li jara l-d-denunzji relattivi jigu debitament mimlija w iffirmati minnu ghax ma kellux access ghal din l-informazzjoni.

Pero' kif intqal fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Michael Stivala"** fuq citat:-

*"Dan hu kaz ta' non osservanza ta' ligi fiskali fejn mhux accettabbli certu kavillar zejjed bl-iskop li jigu evitati l-obbligi imposti mill-legislatur biex jaccerta ruhu li tingabar it-taxxa dovuta f' kull zmien u f' kull kaz."*

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant huwa infondat u qed jigi respint.

Pero', kif ikkonceda lejalment l-istess Avukat prosekutur, l-appellant, wara r-rizenja tieghu minn segretarju tal-kumpanija, f'Jannar 2005, ma baqax aktar fil-posizzjoni li jaghmel dak li ordnatlu jaghmel l-Ewwel Qorti w cioe' li fi zmien tlett (3) xhur jikkonforma ruhu mal-Ligi taht penali ta' hmistax (15)-il Euro kuljum li matulu jkompli n-nuqqas.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ghal ksur tal-Ligi biss pero’ sad-data tar-rizenja tieghu minn segretarju w cioe’ ghall-perjodu mid-29 ta’ Frar, 2004 sal-31 ta’ Jannar, 2005 u fejn ikkundannatu ghall-multa ta’ tlett mitt Euro (€300) u tirrevokaha fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 76 tal-Att numru XXIII tal-1998, ordnatlu sabiex fi zmien tlett (3) xhur jikkonforma ruhu mall-Ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax (15) il-Euro ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------